V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AD/248/13 — Amministraturi (AD 6) fis-settur tal-bini

(2013/C 29 A/01)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali permezz ta' kwalifiki u eżamijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' **amministraturi** (*) **f'dawn l-oqsma**:

QASAM 1: SIGURTÀ TAL-BINI

QASAM 2: INĠINERIJA U TEKNIKI SPEĊJALI FIL-BINI

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li jiġu stabbiliti listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, speċjalment fil-Kunsill, fil-Parlament Ewropew, u fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 270 A tas-7 ta' Settembru 2012 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-mod ta' kif tapplika.

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**
II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**
III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**
IV. **TESTIJIET TA' DĦUL**
V. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL-KWALIFIKI**
VI. **ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**
VII. **LISTI TA' RIŻERVA**
VIII. **KIF TAPPLIKA?**
ANNESSI

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. **QAFAS ĠENERALI**

1. **Numru ta' kandidati magħżula skont il-qasam**	**Qasam 1 = 11** **Qasam 2 = 18**
2. **Kummenti**	Int tista' tapplika għal qasam wieħed biss. Din l-għażla għandha ssir meta timla l-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

Il-profili speċifiċi huma deskritti fl-annessi.

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. **Kundizzjonijiet ġenerali**

a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

b) Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.

c) Tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.

d) Li turi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li jindikaw li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti.

2. **Kundizzjonijiet speċifiċi**

2.1 **Kwalifiki**	Ara l-punt 2 tal-annessi
2.2 **Esperjenza professjonali**	Ara l-punt 3 tal-annessi

2.3 **Għarfien lingwistiku** [1]	
lingwa 1	**Il-lingwa ewlenija** għarfien profond ta' waħda mit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
u	
lingwa 2	**It-tieni lingwa, bilfors għandha tkun differenti mil-lingwa 1** għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliż jew il-Franċiż ***B'konformità mas-sentenza mill-Qorti tal-UE (Grand Chamber) fil-Kawża C-566/10 P, Ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet tal-UE huma mitluba jistqarru r-raġunijiet għal-limitu tal-għażla tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni għal numru ristrett ta' lingwi uffiċjali tal-UE.*** ***Għaldaqstant il-kandidati huma infurmati li l-għażliet tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni ġew definiti b'konformità mal-interess tas-servizz li jeħtieġ li l-kollegi ġodda reklutati jibdew jaħdmu mal-ewwel u jistgħu jikkomunikaw b'mod effiċjenti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet ikun affettwat ħażin ħafna.*** ***Abbażi ta' prassi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ilha fir-rigward tal-lingwi użati għal komunikazzjoni interna u filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet tas-servizzi dwar il-komunikazzjoni esterna u l-immaniġġar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma t-tieni lingwa l-aktar magħżula mill-kandidati tal-kompetizzjonijiet fejn għandhom għażla ħielsa. Dan jikkonferma l-istandards edukattivi u professjonali attwali, fejn il-kandidati għal dmirijiet tal-Unjoni Ewropea jistgħu jitqiesu li jafu tajjeb ħafna tal-inqas waħda minn dawn il-lingwi. Għaldaqstant, meta wieħed jibbilanċja l-interess tas-servizz u l-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-kandidati billi jiġi kkunsidrat ukoll il-qasam partikolari ta' din il-kompetizzjoni, ikun ġust li jiġu organizzati testijiet f'dawn it-tliet lingwi sabiex jiġi żgurat li, tkun xi tkun l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom, il-kandidati kollha jkunu jafu tajjeb ħafna minn tal-inqas waħda mit-tliet lingwi uffiċjali fil-livell ta' xogħol. Barra minn hekk, l-interess ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha, kulħadd, inkluż dawk li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta, huwa meħtieġ li jagħmel it-test fit-tieni lingwa tiegħu jew tagħha, magħżula minn dawk it-tlieta. Il-valutazzjoni ta' ħiliet speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-Istituzzjonijiet biex jevalwaw l-abilità tal-kandidati sabiex jaħdmu immedjatament f'ambjent li jaqbel mar-realtà li jsibu fl-impjieg. Dan huwa bla ħsara, sabiex jittardja t-taħriġ tal-lingwa sabiex tinkiseb ħila sabiex wieħed jaħdem bit-tielet lingwa b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.***

IV. **TESTIJIET TA' DĦUL**

It-testijiet ta' dħul isiru fuq il-kompjuter u jiġu organizzati mill-EPSO. Il-bord tas-selezzjoni jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet u japprova s-sustanza tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPSO.

Dawn it-testijiet se jiġu organizzati biss jekk in-numru tal-kandidati li jkunu applikaw ikun ogħla minn 1 000. F'dan il-każ, int tkun infurmat permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.

1. **Stedina**	Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-Taqsima VIII). **Attenzjoni:** 1. meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III; 2. biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni għandha **bilfors** issir fiż-żmien li jiġi indikat lilek permezz tal-profil EPSO.

[1] Ara l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKER) — livell meħtieġ: lingwa 1 = C1, lingwa 2 = B2 (http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/hornav/Downloads/CEF/LanguageSelfAssessmentGrid.csp)

2. **Deskrizzjoni tat-testijiet u dettalji dwar il-marki**	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta':	
Test a)	ir-raġunament verbali	marki: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti
Test b)	ir-raġunament numeriku	marki: minn 0 sa 10 punt
Test c)	ir-raġunament astratt	marki: minn 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) flimkien huwa ta' 10 punti
3. **Lingwa tat-testijiet**	lingwa 1	

V. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL-KWALIFIKI**

1. **Proċedura**

L-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kif ukoll is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki jsiru fl-ewwel fażi skont id-dikjarazzjonijiet li tkun ipprovdejt fl-applikazzjoni tiegħek.

a) Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi ddeterminat jekk inti tagħmilx parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni.

Fil-każ li t-testijiet ta' ammissjoni huma organizzati minn qabel, l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ssir, f'ordni dixxendenti tal-punti miksuba fit-testijiet ta' ammissjoni, sakemm jintlaħaq, għal kull qasam, in-numru ta' 1 000 kandidat li:

— *kisbu kemm il-minimu meħtieġ kif ukoll l-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul u*

— *li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni*

F'każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' selezzjoni abbażi tal-kwalifiki. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

b) Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni se jagħżel abbażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika, fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk il-kandidati li għandhom l-iktar kwalifiki rilevanti (speċjalment diplomi u esperjenza professjonali) fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-kriterji għas-selezzjoni deskritti f'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni. Din is-selezzjoni ssir **biss** fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek ipprovduti fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") u ssir f'żewġ stadji:

— l-ewwel selezzjoni abbażi tal-kwalifiki ssir **biss** skont ir-risposti mmarkati fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") tal-applikazzjoni u skont il-piż ta' kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. Skont l-importanza mogħtija lil kull kriterju msemmi fil-punt 4 tal-annessi, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi dan il-piż (minn 1 sa 3) qabel ma jipproċedi għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet. Imbagħad, l-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jkunu kisbu l-akbar numru ta' punti jgħaddu għat-tieni selezzjoni;

— in-numru ta' fajls evalwati matul din it-tieni selezzjoni huwa ekwivalenti, għal kull kompetizzjoni, għal madwar **9 darbiet** in-numru ta' kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni. Il-Bord tas-Selezzjoni jeżamina r-risposti tal-kandidati u jagħtihom marka minn 0 sa 4 għal kull tweġiba. Il-marki, immultiplikati bil-piż mogħti lil kull mistoqsija, jingħaddu ma' xulxin sakemm tinkiseb il-marka globali.

Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi klassifika tal-kandidati skont dawn il-marki globali. In-numru ta' kandidati mistiedna ([2]) għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi għal mhux iktar minn **3 darbiet** in-numru ta' kandidati magħżula. Dan in-numru se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPSO (http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/).

2. **Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati**

Meta joħorġu r-riżultati taċ-ċentru tal-evalwazzjoni, u fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, id-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jiġu vverifikati mill-EPSO għall-konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali, filwaqt li l-Bord ta' Selezzjoni jagħmel l-istess għall-kundizzjonijiet speċifiċi abbażi tad-dokumenti ġustifikattivi pprovduti mill-kandidati. Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ġustifikattivi se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw ir-risposti diġà mogħtija fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener"). Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet ([3]) mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu eskluži mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki fit-testijiet ta' evalwazzjoni kollha d), e), f) u g) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Il-kandidati jridu wkoll ikunu ġabu l-minimu meħtieġ fit-testijiet tal-kapaċità a), b) u c). Din il-verifika tibqa' ssir sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni. Id-dokumenti ġustifikattivi tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.

VI. **ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**

1. **Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni**	Jekk inti tkun wieħed mill-kandidati ([4]) li: — li jkunu kisbu waħda mill-aħjar marki fit-testijiet ta' dħul (jekk dawn ikunu ġew organizzati minn qabel, ara t-Taqsima IV) u l-minimu meħtieġ għal dawn it-testijiet **u** — skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-applikazzjoni elettronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III **u** — ikunu kisbu waħda mill-aħjar marki fl-għażla abbażi tal-kwalifiki, inti tiġi mistieden biex tipparteċipa fl-eżamijiet taċ-ċentru ta' evalwazzjoni li ġeneralment isiru fi Brussell u li **jdumu jum jew jumejn**.

([2]) Il-kandidati li ma jiġux mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jirċievu r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż ta' kull mistoqsija mingħand il-Bord tas-Selezzjoni.

([3]) Din l-informazzjoni tiġi verifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VI, il-punt 1 u t-Taqsima VII, il-punt 2).

([4]) Fil-każ li fl-aħħar post jkunu jinsabu diversi kandidati li jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

2. **Ċentru ta' evalwazzjoni** ([5])	Inti tintalab toqgħod għal tliet tipi ta' evalwazzjoni: — ħiliet ta' raġunament: testijiet a), b) u c) — kompetenzi speċifiċi: element d) — kompetenzi ġenerali: elementi e), f), u g) — **il-kapaċitajiet tiegħek fir-rigward tar-raġunament**, ħlief jekk dawn ma kinux diġà evalwati waqt it-testijiet ta' dħul organizzati minn qabel, permezz ta' dawn it-testijiet: a) test tar-raġunament verbali b) test tar-raġunament numeriku c) test tar-raġunament astratt — **il-kompetenzi speċifiċi tiegħek** fil-qasam permezz ta' dan it-test: d) intervista strutturata dwar il-kompetenzi fil-qasam, *abbażi tar-risposti li tkun tajt fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" tal-applikazzjoni* — **il-kompetenzi ġenerali tiegħek** ([6])**:** — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Reżiljenza — Ħidma fi grupp — Ħiliet ta' tmexxija permezz tat-testijiet li ġejjin: e) studju ta' każ ([7]) h) eżerċizzju fi grupp g) intervista strutturata dwar il-kompetenzi ġenerali tiegħek **Se jiġu ttestjati dawn il-kompetenzi ġenerali skont it-tabella li ġejja:**

	Studju ta' każ partikolari	Eżerċizzju fi grupp	Intervista strutturata
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x	x	
Komunikazzjoni	x		x
Kwalità u riżultati	x		x
Tagħlim u żvilupp		x	x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x	
Reżiljenza;		x	x
Ħidma fi grupp		x	x
Ħiliet ta' tmexxija		x	x

([5]) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet ta' raġunament kif ukoll l-istudju ta' każ partikolari (test e) jistgħu jsiru fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement mill-eżamijiet l-oħra li jsiru matul iċ-ċentru ta' evalwazzjoni.
([6]) Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.
([7]) Il-kontenut huwa vvalidat mill-Bord tas-Selezzjoni.

3. **Lingwi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni**	Lingwa 1 għat-testijiet a), b) u c) Lingwa 2 għat-testijiet d), e), f) u g)
4. **Marki u piż tal-marki**	**Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament** a) verbali: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti b) numeriku: minn 0 sa 10 punti c) astratt: minn 0 sa 10 punti il-minimu meħtieġ għat-testijiet kollha b) u c): 10 punti It-testijiet a), b) u c) huma eliminatorji iżda l-marki tagħhom mhux se jkunu miżjuda mal-marki l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. **Kompetenzi speċifiċi (element d)** minn 0 sa 100 punt minimu meħtieġ: 50 punt **piż: 55 % tal-marka globali** **Kompetenzi ġenerali (testijiet e, f u g)** minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi ġenerali kollha (10 punti għal kull kompetenza) minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza **u** 40 punt għat-8 kompetenzi ġenerali flimkien **piż: 45 % tal-marka globali**

VII. **LISTI TA' RIŻERVA**

1. **Kandidati li jiddaħħlu fil-listi ta' riżerva**	Il-Bord tas-Selezzjoni jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva: — jekk int tkun wieħed mill-kandidati ([8]) li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha d), e), f) u g) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara l-għadd ta' kandidati magħżula, Taqsima I, punt 1) — **u jekk, skont id-dokumenti ta' prova**, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.
2. **Klassifika**	Listi stabbiliti skont il-kompetizzjoni u f'ordni alfabetika.

VIII. **KIF TAPPLIKA ?**

1. **Applikazzjoni elettronika**	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPSO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. **Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): il-5 ta' Marzu 2013 f'12:00 (nofsinhar),** ħin ta' Brussell.
2. **Fajl ta' applikazzjoni**	**Jekk inti tkun fost il-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni**, għandek iġġib miegħek ([9]) il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek (l-applikazzjoni elettronika tiegħek iffirmata u d-dokumenti ta' prova) meta tiġi fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni. **Proċedura**: ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

([8]) Fil-każ fejn fl-aħħar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.
([9]) Id-data ta' meta trid tattendi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien xieraq permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.

ANNESS 1

QASAM 1 — SIGURTÀ TAL-BINI

1. **Deskrizzjoni tad-dmirijiet**

Is-servizzi ta' sigurtà tal-istituzzjonijiet qed ifittxu impjegati li d-dmirijiet tagħhom ikunu, minn naħa waħda, li jiżguraw b'mod effettiv is-sigurtà tal-persuni u tal-proprjetà, kif ukoll informazzjoni sensittiva u kklassifikata u min-naħa l-oħra, li jistabilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fil-qasam tal-inġineria tas-sigurtà għal proġett ta' bini ta' skala kbira kif ukoll is-segwitu ta' xogħlijiet ta' sigurtà sakemm jibqa' jasal ix-xogħol.

Bħala indikazzjoni, id-dmirijiet jistgħu jinkludu b'mod partikolari:

Kompiti ġenerali

— il-kontribuzzjoni għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-politiki ta' sigurtà u l-orjentazzjoniijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom,

— l-analiżi tar-riskji ta' sigurtà kollha fir-rigward tal-interessi u l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet,

— it-traspożizzjoni/l-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet tat-theddidiet u l-analiżi tar-riskji fl-ispeċifikazzjonijiet tekniki jew proċeduri organizazzjonali/operazzjonali,

— il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni u s-segwitu tal-applikazzjoni tal-politiki u l-orjentazzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà,

— it-tfassil tad-dokumenti fil-qasam tas-sigurtà,

— il-koordinazzjoni tal-verifika u l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' sigurtà fir-rigward tal-interessi tal-istituzzjonijiet,

— il-koordinazzjoni ma' kuntatti interni u esterni.

Kompiti speċifiċi

— il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji biex jiġu indirizzati r-riskji u t-theddidiet fl-oqsma li jirrigwardaw is-sigurtà u s-sikurezza fl-istituzzjonijiet Ewropej,

— id-definizzjoni u l-iżvilupp tal-istandards minimi ta' sigurtà,

— il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-inġinerija ta' sigurtà u tal-loġistika u l-iżgurar tal-ġestjoni operazzjonali tagħhom,

— is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tas-sistemi u l-prodotti u l-kontro-miżuri li jakkumpanjawhom fil-qasam ikkonċernat,

— l-analiżi u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni miġbura għal skopijiet ta' sigurtà,

— it-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet maħsuba għall-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà (AAS) bil-għan li jiġu akkreditati s-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (SKI) ikklassifikati.

L-ambjent tal-post tax-xogħol

Preżenza barra l-ħinijiet tal-uffiċju f'rabta mal-eżiġenzi speċifiċi tal-istituzzjonijiet differenti.

Servizz jinkludi xogħol stand-by.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni ekwivalenti għal ċiklu ta' studji universitarji komplut ta' mill-inqas tliet snin iċċertifikat b'diploma fl-inġinerija jew f'qasam relevanti relatat mal-kariga kkonċernata, pereżempju fil-kriminoloġija.

JEW

Taħriġ professjonali ekwivalenti ċċertifikat b'diploma jew b'ċertifikat maħruġ minn istitut ta' edukazzjoni għolja f'qasam relevanti fir-rigward tal-kariga jew minn istituzzjoni bħal akkademja tal-pulizija, akkademja militari jew skola ta' informazzjoni.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali fil-qasam tas-sigurtà ta' mhux inqas minn tliet snin reletata mal-kariga.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali fis-superviżjoni tal-attivitajiet ta' aġenti ta' sigurtà/gwardjani ta' sigurtà.
2. Esperjenza professjonali f'organizzazzjonijiet tal-gvern (pereżempju, pulizija, servizzi militari, servizzi ta' sigurtà), li l-missjoni tagħhom hija relatata mal-oqsma ta' sigurtà, difiża jew il-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili.
3. Esperjenza professjonali fis-settur privat li l-missjoni tagħhom huma relatati mal-oqsma tas-sigurtà, tad-difiża jew tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili.
4. Esperjenza professjonali f'organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom huma relatati mal-oqsma tas-sigurtà, tad-difiża jew tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili.
5. Esperjenza professjonali fil-qasam tas-sigurtà ġenerali.
6. Esperjenza professjonali fil-qasam tas-sigurtà ta' persuni VIP.
7. Esperjenza professjonali fis-segwitu tal-bini, b'mod partikolari għall-qasam tat-tagħmir ta' sigurtà u sikurezza.
8. Esperjenza professjonaoli fil-ġestjoni tal-appalti pubbliċi fil-qasam tas-sigurtà.
9. Esperjenza professjonali fil-ħolqien u l-użu ta' sistemi teknoloġiċi ta' sigurtà kumplessi, b'għarfien ta' ġestjoni ta' sigurtà u protezzjoni ta' persuni u proprjetà.
10. Esperjenza professjonaoli fl-analiżi tar-riskji fil-qasam tas-sigurtà.
11. Esperjenza professjonali fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-evalwazzjonijiet ta' theddidiet u analiżi tar-riskji f'speċifikazzjonijiet tekniċi jew proċeduri organizzazzjonali/operazzjonali.
12. Esperjenza professjonaoli fit-tfassil tad-dokumenti tekniċi fil-qasam tas-sigurtà.
13. Esperjenza professjonali fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet maħsuba għall-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà (AAS) bil-għan li jiġu akkreditati s-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (SKI) ikklassifikati.

ANNESS 2

QASAM 2 — INĠINERIJA U TEKNIKI SPEĊJALI TAL-BINI

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-istituzzjonijiet qed ifittxu inġiniera għall-ġestjoni tal-bini u l-pjanijiet ta' propjetà tagħhom. Dawn se jkunu meħtieġa jeżerċitaw dmirijiet ta' ħolqien u ta' ġestjoni teknika, ta' analiżi u ta' superviżjoni teknika u amministrattiva relatati mal-qasam tal-istazzazzjonijiet tekniċi.

Dawn il-dmirijiet jirrikjedu, fost oħrajn, ħiliet ta' abbozzar, ta' analiżi, ta' superviżjoni teknika, ta' ġestjoni amministrattiva u ta' għarfien tajjeb ħafna ta' softwer tal-uffiċju, tal-planning u/jew ta' disinjar permezz tal-kompjuter (CAD).

Bħala indikazzjoni, id-dmirijiet jistgħu jinkludu notevolment:

— it-tħaddim, l-ispezzjoni u l-manutenzjoni korrettiva, rimedjali u preventiva ta' istallazzjonijiet tekniċi,

— il-ħolqien u s-segwitu tat-twettiq ta' proġetti ta' istallazzjoni u/jew ta' ottimizzazzjoni tal-istallazzjonijiet tekniċi,

— l-istabbiliment ta' studji ta' fattibbiltà fir-rigwar ta' xogħlijiet ta' ħidmiet, ta' titjieb jew ta' trasformazzjonijiet mixtieqa,

— l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u l-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' appalti pubbliċi,

— il-kontroll u l-koordinazzjoni ta' xogħlijiet, ta' abbozzar ta' rapporti ta' aċċettazzjoni, inkluż il-koordinazzjoni fil-qasam tas-sigurtà/sikurezza,

— il-programmazzjoni u l-ġestjoni ta' kuntratti konklużi ma' kumpaniji/sħab esterni,

— ix-xiri ta' materjal jew tagħmir speċifiku għall-bini u l-ġestjoni jew l-użu tagħhom,

— il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet immirati biex itejjbu l-benessri u l-kumdità tal-utenti,

— it-twaqqif ta' azzjonijiet immirati biex itejjbu l-prestazzjoni enerġetika u ambjentali tal-bini, fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli,

— it-tħejjija u s-segwitu tal-pjanifikazzjoni tal-attivitajiet fil-qafas tal-programm annwali ta' ħidma,

— l-għoti ta' pariri u l-analiżi fit-trattament tal-każijiet tekniċi kumplessi,

— il-kontribuzzjoni għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri fil-qasam tal-attività,

— is-superviżjoni tas-segwitu tar-rapporti tas-servizzi esterni ta' kontroll tekniku,

— il-koordinazzjoni tal-ħidma tat-timijiet interni (servizzi ta' utenti, partijiet ikkonċernati, kollaboraturi, ...) u esterni (koordinatur tas-sigurtà u s-sikurezza, uffiċji ta' studji, awtoritajiet, entitajiet ta' kontroll, ...),

— il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet immirati għall-konformità u/jew l-aġġornament tekniku tal-bini u l-istallazzjonijiet tagħhom.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fl-inġinerija b'rabta mal-qasam.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali fil-qasam ta' studji tekniċi ta' proġett ta' bini > EUR 0,5 M għall-parti tal-istallazzjonijiet tekniċi.

2. Esperjenza professjonali fil-qasam ta' siti ta' kostruzzjoni ta' proġett ta' bini > EUR 0,5 M għall-parti tal-istallazzjonijiet tekniċi.

3. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, fil-konsultazzjoni tas-suq u fit-tfassil ta' kuntratti relatati mat-twettiq ta' proġett ta' bini > EUR 0,5 M għall-parti tal-istallazzjonijiet tekniċi.

4. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, fil-konsultazzjoni tas-suq u fit-tfassil ta' kuntratti relatati mat-twettiq u l-manutenzjoni ta' istallazzjonijiet tekniċi ta' bini ta' superfiċje minbarra s-sular tal-art ta' mill-inqas 50 000 m^2.
5. Esperjenza professjonali fil-ħolqien ta' twettiq u ta' manutenzjoni ta' istallazzjonijiet tekniċi ta' bini ta' superfiċje minbarra s-sular tal-art ta' mill-inqas 50 000 m^2.
6. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' twettiq u ta' manutenzjoni ta' istallazzjonijiet tekniċi ta' bini ta' superfiċje minbarra s-sular tal-art ta' mill-inqas 50 000 m^2.
7. Esperjenza professjonali fil-koordinazzjoni tal-kariġi relatati mal-manutenzjoni (xiri ta' materjal jew tagħmir speċifiku għall-bini u għall-ġestjoni jew l-użu tagħhom).
8. Esperjenza professjonali fil-koordinazzjoni tal-ħidma tat-timijiet interni (servizzi ta' utenti, partijiet ikkonċernati, kollaboraturi, ...) u esterni (koordinatur tas-sigurtà u s-sikurezza, uffiċji ta' studji, awtoritajiet, entitajiet ta' kontroll, ...).
9. Esperjenza professjonali fil-qasam tat-tfassil u s-segwitu ta' pjanifikazzjoni teknika (Gantt, Pert, MS-Project,…).
10. Esperjenza professjonali fil-qasam tas-segwitu u l-pjanifikazzjoni tal-manutenzjoni ta' bini (GMAO, Service Level Agreement, ġestion ta' lmenti, ….).
11. Esperjenza professjonali fil-qasam ta' azzjonijiet immirati biex jittejbu l-prestazzjonijiet enerġetiċi ta' bini.
12. Esperjenza professjonali fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet immirati biex itejjbu l-benessri u l-kumdità talutenti.
13. Esperjenza professjonali fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet immirati għall-konformità u/jew l-aġġornament tekniku tal-bini u l-istallazzjonijiet tagħhom.